# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Frar 2023**

**Kawza Numru: 6**
**Rikors Ġuramentat Numru:- 445/2017 JVC**

**Paul Scicluna (Karta ta' l-Identita' Numru 316365(M)) ta' 22, Sydney, Triq San Gwann ta' l-Gharghar, San Gwann; Angelo Scicluna (Karta ta' l-Identita' Numru 444753(M)) ta' Edmar, Hamri, Limiti tar-Rabat, Malta; Joseph Scicluna (Karta ta' l-Identita' Numru 316465(M)), 7, Triq Claudette Agius, Dingli; u Antonia Scicluna (Karta ta' l-Identita' Numru 420058(M)) u zewgha Frans Scicluna (Karta ta' l-Identita' Numru 916851 (M)) ghal kull interess li jista' jkollu ta' Maple Leaf, Triq Pawlu Ebejer, Dingli**

**vs**

**Carmelo Scicluna ta' Sunshine House, Triq Misrah Suffara, Dingli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Paul Scicluna et ikkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. 'Illi l-partijiet ghandhom raba' li jinsab fl-inhawi maghrufa bhala Il-Qattara, Limiti ta' Rabat, Malta.

2. Illi l-atturi esponenti jgawdu pussess u access liberu kemm ghall-kamra li tinsab fl-istess raba' biswit il-giebja maghrufa bhala "l-kamra tal-giebja" fejn hemm ukoll filter kbir ta' l-ilma u pompa ta' l-ilma tahdem bl-elettriku li permezz taghha jittella' l-ilma mill-giebja.

3. Illi l-atturi esponenti igawdu pussess u access liberu ghall-pompa ohra ta' l-ilma li ukoll tahdem bl-elettriku li tinsab taht ir-razzett li jinsab hemmhekk stess li permezz taghha jittella' l-ilma ghal gol-giebja imsemmija.

4. Illi l-ilma li jittella' mill-giebja jitwassal sa l-ghelieqi rispettivi ta' l-atturi anke permezz ta' sistema ta' pajpijiet apposta flimkien ma' "bends"; l-ilma jittella' bil-pompa imsemmija kif dejjem ghamlu l-atturi u vitjien tal-giebja li ghandhom pussess u access liberu ghalihom atturi u permezz taghhom ukoll tithaddem il-giebja biex jittella l-ilma ghat-tisqija tal-ghelieqi taghhom.

5. Illi ricentement l-intimat abbuzivament sgassa l-imsemmija “kamra tal-giebja” u ha l-pompa ta’ l-ilma u l-filter kbir ta’ l-ilma li kienu jinsabu hemmhekk, ha vit tal-giebja u r-ras ta’ fuq ta’ vit iehor tal-giebja kif ukoll ha l-pompa ta’ l-ilma li kienet tinsab taht ir-razzett kif fuq spjegat u konsegwentement l-atturi gew imcahhdin mill-pussess u access liberu li kellhom ghall-istess filter ta’ l-ilma, pompi u vitjien tal-giebja kif ukoll gew imcahhdin milli juzawhom u itellghu u jiehdu l-ilma mill-giebja permezz taghhom kif fuq imsemmi.

6. Illi dan kollu jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin.

7. Illi fir-realta’ dan ma hux l-ewwel att spoljattiv imwettaq mill-konvenut a skapitu tal-atturi koncernanti l-uzu tal-giebja tant illi diga’ kien hemm kawza ohra ta’ spoll istitwita mill-attur kontra tieghu deciza fis-16 ta’ Dicembru 2013 minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet “Paul Scicluna et vs Carmelo Scicluna et” (Rikors Guramentat Numru 521/2012JA), kopja hawn annessa u markata Dok. A.

8. Illi nonostante illi gie interpellat il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta’ l-atturi meta abbuzivament sgassa l-kamra tal-giebja li tinsab biswit il-giebja fir-raba’ illi l-partijiet ghandhom fl-inhawi tal-Qattara, Limiti tar-Rabat, Malta u ha l-pompa ta’ l-ilma u l-filter kbir ta’ l-ilma li kienu jinsabu hemmhekk, ha vit tal-giebja u r-ras ta’ fuq ta’ vit iehor tal-giebja kif ukoll ha l-pompa ta’ l-ilma li kienet tinsab

taht ir-razzett kif fuq spjegat u konsegwentement l-atturi gew imcahhdin mill-pussess u access liberu li kellhom ghall-istess filter ta' l-ilma, pompi u vitjien tal-giebja kif ukoll gew imcahhdin milli juzaw l-istess u itellghu u jiehdu l-ilma mill-giebja permezz taghhom kif fuq imsemmi.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jerga' jirripristina kollox kif kien qabel okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi b'mod illi l-atturi ikomplu ikollhom pusssess u access liberu fuq il-pompa ta' l-ilma u l-filter kbir ta' l-ilma li kienu jinsabu fil-kamra tal-giebja imsemmija; il-vitjien tal-giebja imsemmija; u l-pompa ta' l-ilma li kien hemm taht ir-razzett imsemmi u jkunu jistghu juzaw l-istess u jtellghu u jiehdu l-ilma mill-giebja permezz taghhom kif fuq imsemmi.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu dawn ix-xoghlijiet rimedjali okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni

B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-ligi.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmelo Scicluna li taqra kif isegwi:

1. 'Illi, preliminarjament, l-azzjoni hija rrita u nulla stante li r-rikorrenti jonqsu milli jghidu meta sehh l-allegat spoll, b' dan ghalhekk li l-eccipjent mhux f'qaghda li jeccepixxi l-perentorjeta tal-azzjoni attrici. Ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom qabel xejn

jigu ordnati li jiddikjaraw meta sehh l-allegat spoll filwaqt li l-eccipjent qieghed ghalhekk sa minn issa jirriżerva d-dritt li jitlob l-awtorizazzjoni ghall-preżentazzjoni ta' risposta ulterjuri wara li r-rikorrenti jkunu ssodisfaw tali obbligu;

2. Illi, preliminarjament, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet segwenti u dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, l-eccipjent qieghed ukoll jecepixxi n-nullita' tar-rikors guramentat stante li r-rikorrenti ma jindikawx liema huma dawk il-fatti li jafu bihom personalment skond id-dettami ta' l-Artikolu 156 (1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, dawk segwenti, u dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, l-eccipjent qieghed jeccepixxi l-irritwalita u n-nullita tal-azzjoni rikorrenti peress li fir-rigward tar-rikorrent Frans Scicluna din giet proposta minn rikorrent li qieghed imexxi f'vesti incerta ghaliex mhuwiex moghti fil-ligi li wiehed iharrek 'ghal kull interess li jista jkollu';

4. Illi, preliminarjament, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, dawk segwenti, u dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, hu obbligu tar-rikorrenti li jressqu provi tajbin, sufficjenti u rilevanti in sostenn ta’ l-allegazzjonijiet minnhom mressqa. In forza ta' dan ikun xieraq u mistenni li r-rikorrenti jgibu l-prova tal-pussess u/ jew detenzjoni u/jew tgawdija tal-proprjeta mmobbli u mobbli li ghaliha jirreferu kif ukoll jidentifikaw b'mod dettaljat x'inhuma n-nuqqasijiet li qed jimputaw diretttament fil-konfront tal-eccipjent, u dan minflok ma jinhlew f'furja ta' pretensjonijiet u allegazzjonijiet frivoli u vessatorji;

5. Illi preliminarjament, bla pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, dawk segwenti, u dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, ir-rikorrenti ghandhom qabel xejn iressqu provi shah u sodisfacenti tal-allegat interpellazzjoni msemmija minnhom b'dan li fin-nuqqas huma ghandhom jigu ordnati jhallsu l-ispejjeż ta' dawn il-proceduri;

6. Illi maghmulin dawn l-eccezzjonijiet preliminari, l-eccipjent sejjer jaghddi biex jaghmel l-eccezzjonijiet tieghu fuq il-mertu;

7. Illi din il-kawża ma hi xejn hlief azzjoni fiergha, vessatorja u temerarja, istitwita kontra l-eccipjent bit-tama li r-rikorrenti jiksbu xi forma ta' vantagg fuq l-eccipjent sforz il-pika u l-inkejja li huma żviluppaw tul is-snin fil-konfront tieghu;

8. Illi hu pacifiku li attur irid jaghmel l-indagini tieghu qabel ma jipprocedi kontra terz f'kawża, biex jassigura li l-intimat imharrek huwa vermanent il-leggittimu kontradittur tieghu;

9. Illi fil-konfront tal-prezenti eccipjent din l-istanza ma hi xejn hlief kawża mmirata biex iddejjaq ghaliex l-istess eccipjent gie imharrek frivolożament u inutilment u dan stante li huwa ma wettaq l-ebda spoll hekk kif allegat mir-rikorrenti;

10. Illi fil-fatt ghalkemm ir-rikorrenti jintilfu f'numru ta' allegazzjonijiet inveritieri u inverosimili huma jonqsu bl-aktar mod lampanti li jaghtu xi xrara ta' kredibilità lil-allegazzjonijiet taghhom u dan billi jonqsu li jaghtu d-dettalji relattivi ghall-aktar fatti bazici li jsejsu t-talbiet taghhom;

11. Illi ghalhekk l-istanza attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt tant b'dan li ghandha tigi mhux biss

sommarjament michuda bl-ispejjeż iżda sahansitra dikjarata bhala wahda li tirrażenta l-fieragh u l-vessatorju;

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat l-affidavits, xhieda, decizjonijiet, okkorrenzi, ritratti, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-25 ta' Jannar, 2018 Dr Joseph Zammit ghar-rikorrenti talab l-allegazzjoni tal-atti cit nru: 521/2012JA fl-istess ismijiet, ghajr ghal konvenut minnhom, billi xi provi prezentati f'dawk il-proceduri huma rilevanti ghall-kaz odjern, rat li Dr Timothy Bartolo ghal intimat m'opponiex izda purche' li l-provi huma rilevanti ghal kawza odjerna, u rat li l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-istess;

Rat l-atti tal-kawza 521/2012JA fl-ismijiet Paul Scicluna et -vs-Carmelo Scicluna et allegati mal-kawza odjerna;

Rat illi fil-verbal datat 17 ta' Mejju, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti Paul, Antonia, Joseph u Angelo huma mparentati mal-intimat Carmelo billi huma lkoll ahwa Scicluna. Ir-rikorrent l-iehor Frans Scicluna huwa r-ragel ta' Antonia Scicluna.

Ir-rikorrenti jipremettu li huma flimkien mal-intimat Carmelo Scicluna ghandhom raba' li jinsab fl-inhawi maghrufa bhala 'Il-Qattara' fil-limiti tar-Rabat, Malta. Izidu li jgawdu mill-pussess u access liberu ta' kamra li tinsab fl-istess raba' msejha bhala l-'kamra tal-giebja' u ta' oggetti ohra li juzaw ghat-tisqija li jinsabu fl-istess kamra u barra. Jallegaw li nhar il-21 ta' Marzu, 2017 gew spoljati mill-intimat Carmelo Scicluna billi nehha diversi oggetti mill-kamra, u barra l-kamra, konsistenti f'pompa ta' l-ilma li tahdem bl-elettriku, filter kbir ta' l-ilma, vit tal-giebka u r-ras ta' fuq ta' vit iehor, kif ukoll pompa tal-ilma ohra tahdem bl-elettriku li kienet tinsab taht ir-razzett. Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti istitwew il-kawza ta' spoll odjerna fejn qed jitolbu li jigi dikjarat li l-intimat Carmelo Scicluna kkommetta spoll vjolenti u klandestin meta abbuzivament sgassa l-kamra tal-giebja li tinsab biswit il-giebja u ha l-oggetti msemmija u li konsegwentement gew imcahhda mill-pussess, access liberu ta' l-oggetti msemmija u gew imcahda milli juzaw l-istess. Ir-rikorrenti talbu wkoll li l-intimat jigi kundannat jirripristina kollox kif kien qabel bl-opera ta' perit nominandi b'mod li r-rikorrenti jkomplu jkollhom pussess u access liberu ghall-oggetti ndikati. Finalment talbu li fin-nuqqas huwa jigu awtorizzati sabiex jaghmlu dawk ix-xoghlijiet rimedjali okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi a spejjez tal-intimat.

L-intimat Carmelo Scicluna jilqa' ghal kawza odjerna b'diversi eccezzjonijiet preliminari, filwaqt li fil-mertu, l-eccezzjoni principali tieghu hija li m'huwiex il-legittimu kontradittur billi m'huwiex hu li kkommetta l-att spoljattiv. Eccepixxa wkoll illi l-kawza odjerna ma hi xejn hlief azzjoni fiergha, vessatorja u

temerarja istitwita kontra tieghu bit-tama li r-rikorrenti jiksbu xi forma ta' vantagg sforz il-pika u l-inkejja li huma zviluppaw tul is-snin fil-konfront tieghu. Jeccepixxi wkoll li ghalkemm ir-rikorrenti jintilfu f'numru ta' allegazzjonijiet inveritieri u inverosimili huma jonqsu bl-aktar mod lampanti li jaghtu xi xrara ta' kredibilita' lill-allegazzjonijiet taghhom u dan billi jonqsu li jaghtu d-dettalji relattivi ghall-aktar fatti bazici li jsejsu t-talbiet taghhom. Finalment eccepixxa li l-istanza attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt b'dan li ghandha mhux biss tigi michuda bl-ispejjez izda sahansitra dikjarata bhala wahda li tirrazenta l-fieragh u l-vessatorju.

**L-ewwel eccezzjoni:**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat Carmelo Scicluna eccepixxa li r-rikorrenti naqsu milli jghidu meta sehh l-allegat spoll b'dan li mhux f'qaghda li jeccepixxi l-perentorjeta' tal-azzjoni attrici. Sostna li ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom jigu ordnati li jiddikjaraw meta sehh l-allegat spoll filwaqt li rriserva d-dritt li jitlob l-awtorizazzjoni ghall-prezentata ta' risposta ulterjuri wara li r-rikorrenti jkunu ssodisfaw tali obbligu.

Illi minn qari tar-rikors promotur huwa minnu li r-rikorrenti naqsu milli jindikaw id-data tal-allegat att spoljattiv, madanakollu b'daqshekk il-Qorti ma tqisx li dan ghandu jgib in-nullita' tal-azzjoni jew sanzjoni ohra. Mill-atti jirrizulta li sussegwenti ghar-rikors promotur gew prezentati l-affidavits ta' Antonia Scicluna (fol. 23), Paul Scicluna (fol. 24), Joseph Scicluna (fol. 25), Frans Scicluna (fol. 26), Angelo Scicluna (fol. 27) u Vincenza Scicluna (fol. 34) fejn ilkoll ikkonfermaw li l-allegat att spoljattiv gie skonthom kommess nhar il-21 ta' Marzu, 2017. Fl-atti gie esebit ukoll rapport mal-Pulizija li sar mir-rikorrenti dwar l-akkadut li

jgib id-data tal-21 ta' Marzu, 2017 u jindika d-data tal-akkadut bhala dik ta' bejn l-20  u l-21 ta' Marzu, 2017 (ara fol. 47).

Illi da parti tal-intimat Carmelo Scicluna mill-atti ma jirrizultax li baqa' jinsisti li jintavola eccezzjoni ulterjuri relatata mal-perentorjeta' ghalkemm fis-sottomissonijiet tieghu jinsisti fuq din l-ewwel eccezzjoni.

Illi dwar din l-eccezzjoni l-Qorti tqis li ghalkemm kien ikun aktar idoneu li kieku r-rikorrenti ndikaw id-data tal-allegat spoll fir-rikors guramentat taghhom, gialadarba d-data tirrizulta mill-atti u wkoll la darba l-intimat ma nsistiex li jressaq eccezzjoni ulterjuri, l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-ewwel eccezzjoni b'dana li in vista tac-cirkustanzi l-intimat m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' din l-eccezzjoni.  Il-kwistjoni dwar jekk id-data indikata mir-rikorrenti taqax jew le fl-*infra bimestre* ser tigi analizzata aktar l-isfel mal-mertu.

**<u>It-tieni u t-tielet eccezzjoni:</u>**

Illi preliminarjament l-intimat Carmelo Scicluna fit-tieni eccezzjoni eccepixxa n-nullita' tar-rikors guramentat stante li r-rikorrenti ma jindikawx liema huma dawk il-fatti li jafu bihom personalment skond id-dettami tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fit-tielet eccezzjoni eccepixxa wkoll l-irritwalita' u n-nullita' tal-azzjoni rikorrenti peress li fir-rigward tar-rikorrent Frans Scicluna din giet proposta minn rikorrent li qieghed imexxi f'vesti incerti ghaliex mhuwiex moghti fil-ligi li wiehed iharrek 'ghal kull interess li jista jkollu'.

Illi l-intimat Carmelo Scicluna fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fil-punt indikat bin-numru 3 iddikjara li mhux qed jinsisti fuq it-

tieni u t-tielet eccezzjoni tieghu, b'dan li qed izomm ferm l-ewwel eccezzjoni preliminari kif ukoll il-bqija tal-eccezzjonijiet tieghu fuq il-mertu.

In vista ta' din id-dikjarazzjoni l-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tinoltra ruhha oltre fl-imsemmija eccezzjonijiet u ser tiddikjarhom bhala ezawriti.

**Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:**

**It-tmien u d-disa' eccezzjoni tal-intimat Carmelo Scicluna – m'huwiex il-legittimu kontradittur:**

Illi l-intimat Carmelo Scicluna fit-tmien u d-disa' eccezzjoni tieghu jeccepixxi li m'huwiex il-legittimu kontradittur billi huwa ma wettaq l-ebda spoll hekk kif allegat mir-rikorrenti Paul Scicluna et. Il-Qorti tqis li huwa opportun li tibda billi tinvestiga dawn iz-zewg eccezzjonijiet u dan ghaliex jekk jirrizulta verament li l-intimat Carmelo Scicluna ma wettaq l-ebda spoll vjolenti u klandestin l-azzjoni tieqaf hawn.

Illi jibda billi jinghad li fl-atti r-rikorrenti prezentaw diversi rapporti li gew intavolati bejn il-partijiet tul is-snin sabiex juru l-animosita' ezistenti bejn il-partijiet (a fol. 47 et seq tal-process) u fol. 141 et seq tal-process, li l-maggor parti taghhom saru da parti tal-intimat stess, madanakollu l-Qorti tqis li rrispettivament minn x'kien hemm u x'kien ghaddej bejn il-partijiet il-Qorti hija tenuta li tiddeciedi fuq dak li jirrizulta mill-atti dwar il-fatti tal-allegat spoll fil-kawza odjerna.

Illi l-Qorti tinnota li l-intimat Carmelo Scicluna beda minn stadju bikri jsostni li ma kienx hu li wettaq l-att spoljattiv. Infatti mill-

okkorrenza bir-referenza NPS 7/Q/551/2017 ezibita fl-atti a fol. 47 et seq tal-process (liema rapport kien gie ntavolat mir-rikorrenti u li tieghu gew esebiti diversi kopji fl-atti) jirrizulta li l-intimat kien cahad li kisser il-katnazz u cahad li ha l-pompi. Infatti fl-istess okkorrenza gie mnizzel il-verzjoni tal-intimat *a tempo vergine* fejn qal:

> 'Il-pulizija ghamlet kuntatt ma Carmel Scicluna fejn minn naha tieghu hu qal li ilu ma jersaq lejn il-gibja madwar gimghatejn. L-ahhar li mar gewwa l-Ghalqa kien l-bierah, meta mar jahrat flimkien ma' missieru, izda ma nnota xejn irregolari. Carmel zied jghid li l-pompi tal-ilma kien ghamilom hu madwar 20 sena ilu u ghalhekk pretenda li hutu jinfurmawh li dawn l-affarijiet kienu nsterqu meta gie mistoqsi jekk kissirx il-katnazz, hu wiegeb fin-negattiv fejn qal wkoll li m'ghandux ghalfejn, ghax bhal hutu, hu wkoll ghandu c-cavetta tal-kamra.
>
> PS163 12-7-17
>
> Permez ta ittra datata 24 ta' Gunju, 2017 Dr Joseph Zammit ghan-nom ta' wiehed mill-kwerelanti Frans Scicluna irraporta illi meta dan tal-ahhar, ftit granet wara li sar dan ir-rapport originarjament, meta ikkonfronta lil Carmelo Scicluna u talbu igib lura l-pompi li kien ha dan kien pront wiegeb li laqnas tal-pompa l-ohra (li kien ghad fadal f'postha) ma kienu hallsuh.
>
> Rigward din l-allegazzjoni il-pulizija kellmu lill-imsemmi Carmelo Scicluna fejn dan cahad li kien qal dan il-kliem lil Frans. Huwa zied jghid li ma jafx ghal liema pompa ohra kien qed jirreferi Frans fejn zied jghid li konsegwenza ta' din

> is-serqa kien hu l-ewwel wiehed li bata ghax dawk il-pompi kien xtrahom hu zmien ilu. Hu zied jghid li kieku ried johodhom ma kellux ghalfejn jisgassa imkien ghax hu ghandu cavetta tal-postijiet fejn dawn kienu jinsabu.'.

L-istess verzjoni pressapoco giet konfermata mill-intimat Carmelo Scicluna fid-xhieda tieghu a fol. 127 et seq tal-process:

> 'Jiena dawk huma, kienu hwejjgi. Xtrajthom u ghamilthom jien u kienu jinqdew bihom huma wkoll. Issa, meta insterqu, jiena lanqas kont hemm. Marru jaghmlu rapport l-Ghassa u jiena lanqas biss kont naf. Imbaghad, jiena cempilli il-Pulizija mill-ghassa, qalli ejja ha nkellmek. Ghidtlu meta x'gara?' jien. Qalli ejja ha nkellmek . . . Qalli xejn gravi. . . . U qaluli il-Pulizija jew Surgent, min kien, qalli insterqulkom il-pompi. Ghidtlu x'pompi huma? Kont ghadni ma naf b'xejn jien. Qalli il-pompi insterqu. Ghidtlu jiena ma naf b'xejn . . . Ghidtlu dan min gie jghidlek. Qalli gew dawn u dan, u ghamlu ir-rapport. . . . Huti, marru ghamlu ir-rapport. . . .Ghidtlu jien ma naf b'xejn . . . Iva kulhadd kellu cavetta. Anzi kellna wahda, konna inhalluha go toqba fil-hajt hemmhekk. Fil-fatt hemm kienet, hemm baqghet ic-cavetta. Min gie sereaqhom, gib chaser mieghu u qaccat il-katnazz u tefghu fl-art. . . Ghidtilhom li dawk kienu tieghi u serquhomli.'

Izid ukoll li huwa ried jaghmel rapport ghaliex il-pompi kienu tieghu izda l-Pulizija qallu le ghaliex gia kien hemm rapport.

Illi ghalkemm ir-rikorrenti kollha jasserixxu li kien proprju l-intimat Carmelo Scicluna li ha l-oggetti konsistenti f'pompa ta' l-ilma li tahdem bl-elettriku, filter kbir ta' l-ilma, vit tal-giebla u r-

ras ta' fuq ta' vit iehor, kif ukoll pompa tal-ilma ohra tahdem bl-elettriku li kienet tinsab taht ir-razzett hadd mix-xhieda mressqa mir-rikorrenti ma seta jghid li ra lil Carmelo Scicluna jiehu l-istess oggetti. Ir-rikorrenti jressqu affidavit ta' Antonia Scicluna (fol. 23), Paul Scicluna (fol. 24), Joseph Scicluna (fol. 25), Frans Scicluna (fol. 26), Angelo Scicluna (fol. 27) u Vincenza Scicluna (fol. 34). Dawn l-affidavit prattikament ilkoll jikkonfermaw il-verzjoni tal-fatti ta' Angelo Scicluna. Madanakollu minn ezami tal-affidavits kollha u l-kontro-ezamijiet johrog bic-car li effettivament kienu biss ir-rikorrenti Angelo Scicluna u Paul Scicluna li fil-gurnata tal-allegat att spoljattiv raw lill-intimat fejn il-kamra tal-giebja, ghalkemm hadd minnhom ma kkonferma bil-gurament li ra lill-intimat Carmelo Scicluna jiehu l-oggetti. Ir-rikorrenti Angelo Scicluna fl-affidavit tieghu a fol. 27 et seq tal-process jixhed illi:

> 'Dan gara ezattament fil-21 ta' Marzu 2017, l-ahhar gimgha li qalbet is-siegha ghal hin tas-Sajf. Dakinhar jiena f'nofsinhar mort nittawwal sar-raba' tieghi u Carmelo kien qed jahrat fl-irdum isfel bit-tractor, fil-wied nghidulu ahna, u imbaghad ergajt mort nittawwal fis-saghtejn u nofs u kien qiegehed fil-parti maghrufa bhala "ix-xaghra" fejn il-kamra tal-giebja u diehel u hiereg fil-kamra u igib l-ghodda mit-trakk u wahdu kien. Jiena qatt ma bsart li kien qed izarma il-pompa. Sal-gurnata ta' qabel cioe sal-Hadd 20 ta' Marzu 2017 Frans ir-ragel ta' ohti Antonia it-tnejn li huma atturi ukoll f'din il-kawza kien saqqa iz-zebbug. Imbaghad sadanittant jiena rajtu diehel u hierg fil-kamra tal-giebja. Imbaghad it-Tlieta 22 ta' Marzu 2017, kont tiela ghal Had Dingli u nara il-bieb tal-kamra tal-giebja miftuh. Imbghad morna hemm jiena u l-mara tieghi u x'hin il-mara marret tittawwal fil-kamra, il-mara qaltli li l-katnazz kien imqaccat u l-pompa ma hiex qieghda hemm. Imbaghad ahna ikkonfermajna lil xulxin

> bejnietna l-ahwa atturi fil-kawza, sakemm Frans ir-ragel ta' ohti attur ukoll fil-kawza, qal tridx niccekkjaw il-pompa l-ohra u nizel hija l-attur Pawlu u kkonferma li lanqas din ma kienet ghadha hemm. F'gurnata wahda hadhom it-tnejn, ha ukoll il-filter u l-vitjien hekk kif imsemmi fil-kawza.'.

Il-Qorti tqis rilevanti ferm ix-xhieda in kontro-ezami tal-istess Angelo Scicluna fejn a fol. 62 tal-process huwa jikkonferma li dak inhar tal-allegat spoll huwa kien qed jara lill-intimat permezz ta' tromba u jikkonferma li l-intimat Carmelo Scicluna kien jaf li kien qed jarah.

Ir-rikorrenti Paul Scicluna fl-affidavit tieghu a fol. 24 tal-process ghalkemm ikkonferma bil-gurament tieghu dak kollu li qal huh Anglu Scicluna fl-istess affidavit specifika li huwa ra lil huh l-intimat Carmelo Scicluna filghaxija tal-21 ta' Marzu, 2017. Jghid illi:

> 'Illi jiena nikkonferma dak kollu li intqal fir-rikors guramentat u dak kollu li qal hija Anglu fl-affidavit tieghu.
>
> Jiena rajtu lil konvenut hija Carmelo fil-21 ta' Marzu 2017 filghaxija niezel bil-karozza Suzuki bajda mix-Xaghra ezattament meta tnehhew il-pompi u l-affarijiet l-ohra li semmejna fil-kawza.'.

Il-Qorti izda mill-kontro-ezamijiet tax-xhieda suesposti tinnota nuqqas ta' qbil fil-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnhom u diversi inkonsistenzi. Wahda minn dawn l-inkonsistenzi tirrizulta bejn id-ix-xhieda ta' Paul Scicluna u dik ta' Angelo u martu Vincenza Scicluna. Ix-xhud Paul Scicluna in kontro-ezami (fol. 95) f'daqqa wahda jaghti ferma aktar dettalji minn dawk li ta' fl-affidavit

tieghu dwar dak li suppost gara. Jghid li huwa kien ra d-dawl fil-kamra tal-giebja u kien ghalhekk li mar jara x'gara. Jixhed li ra lil huh l-intimat Carmelo Scicluna jitfi d-dawl, ihalli l-bieba tal-kamra miftuha, jistartja l-karozza, isuq u jieqaf fejn ir-razzett jittawwal hemmx xi hadd u jitlaq. Jghid li f'dak il-mument huwa stahbilu fis-sigar u sussegwentement mar jittawwal fil-kamra tal-giebja u sab il-pompa u l-oggetti l-ohra neqsin. Ikompli jixhed billi jghid li kien cempel lil hutu r-rikorrenti l-ohra u wara hutu kienu marru jaghmlu rapport l-ghassa fl-assenza tieghu. Apparti li din il-verzjoni ta' Paul Scicluna ma taqbel xejn ma dak li kien originarjament xehed fl-affidavit tieghu redatt minnu stess, din il-verzjoni wkoll ma taqbilx max-xhieda tar-rikorrent l-iehor Angelo Scicluna u martu Vincenza Scicluna.

Angelo Scicluna u martu Vincenza Scicluna it-tnejn jghidu li kienu huma li ndunaw bin-nuqqas tal-oggetti u dan l-ghada li allegatament insterqu jew tnehhew il-pompi. Ghal skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghall-verzjoni kif esposta mir-rikorrenti Angelo Scicluna kwotata aktar il-quddiem. Angelo Sciclina fix-xhiex tieghu mkien ma jsemmi li huh Paul Scicluna kien infurmah gurnata qabel b'dak li allegatament sehh bil-pompi.

Fuq l-istess Vincenza Scicluna xehdet illi:

> 'Irrid nghid illi fil-gurnata tat-22 ta' Marzu 2017, jiena u zewgi Anglu morna il-Qattara peress illi il-kamra tal-giebja dehret mftuha anzi nghid illi kienet minn kmieni fil-ghodu miftuha u morna nittawlu u sibna illi l-pompa tal-giebja ma kienetx hemm u l-katnazz imqaccat.'.

Inkonsistenza ohra hija fejn ir-rikorrenti Angelo Scicluna fl-affidavit tieghu (fol. 27) jghid x'ra lir-rikorrent jaghmel fil-gurnata

tal-21 ta' Marzu, 2017. In sintezi u kronologikament huwa ddeskriva l-event tal-fatti bhala s-segwenti:

i. 12pm – Angelo Scicluna mar jittawwal fl-ghalqa u ra lill-intimat Carmelo Scicluna jahrat fl-irdum isfel bit-tractor fil-parti fejn isejhula bhala 'il-wied';

ii. 2.30pm – Angelo Scicluna rega' mar jittawwal u ra lill-intimat qieghed fil-parti maghrufa bhala 'tax-Xaghra' fejn il-kamra tal-giebja fejn kien diehel u hiereg fil-kamra u jgib l-ghodda mit-trakk. Ir-rikorrenti Angelo Scicluna jghid li huwa kien qieghed jara lill-intimat Carmelo Scicluna bl-uzu tat-tromba fuq post faccata.

F'din il-verzjoni tal-fatti kif esposta minn Angelo Scicluna, l-intimat kien bi trakk filwaqt li fil-verzjoni tal-fatti kif esposta mir-rikorrenti Paul Scicluna (fol. 95) meta lemah lill-intimat fejn il-kamra kien bil-vettura tal-ghamla Suzuki Jeep.

Il-Qorti tinnota li z-zewg rikorrenti jsemmu u jikkonfermaw bil-gurament li raw lill-intimat fejn u fil-kamra tal-giebja, pero' ma jaghmlu l-ebda accenn ghal fatt li fl-allegat spoll giet nieqsa wkoll pompa ohra li kienet tinsab taht ir-razzett. Kif gia espost hadd mir-rikorrenti ma jixhed li ra lill-intimat jiehu l-pompi jew l-oggetti izda biss li kien presenti fejn kamra li kellu kull dritt li jkun fiha daqshom. Tenut kont li l-pompi in kwistjoni skont l-istess x-xhieda tar-rikorrent Angelo Sciclina kellhom madwar tletin sena w'ghalhekk m'humiex xi pompi moderni forsi ta' daqs u toqol anqas, tenut kont ukoll li mhux kontestat li dawn il-pompi kienu jiznu madwar ghoxrin kilo l-wahda u l-fatt li bosta mill-affarijiet li allegatament ittiehdu kienu fuq barra (fosthom pompa u vitien) il-Qorti ssibha ferm difficli biex temmen li l-intimat seta' jaghmel

dak kollu allegat wahdu u wkoll li fl-ebda hin ir-rikorrent Angelo Scicluna, li kien qed jarah bit-tromba, ma jarahx fl-ebda hin qed igorr pompa jew xi oggett iehor kif allegat.

Irrizulta wkoll mill-provi li min ha l-oggetti sgassa l-bieb permezz ta' 'chaser' u mhux fethu mill-katnazz. Huwa minnu li jista' jigi argumentat li l-intimat seta' jixxena l-isgass tal-katnazz bhala manuvra sabiex jiddevja l-provi, madanakollu tehud kont tal-fatt li bit-tehid tal-oggetti konsistenti fil-pompi tal-ilma u oggetti ohra relatati, l-intimat innifsu sofra danni billi m'ghadux aktar possibli ghalih li jsaqqi l-ilma bhar-rikorrenti, il-Qorti tqis li huwa inverosimili li kien l-intimat li nehha il-pompi u l-oggetti msemmija w'ghalhekk hija propensa li temmen il-versjoni tal-intimat li hu ma kellux x'jaqsam anki ghaliex baqghet wahda konsistenti sal-ahhar, bil-kuntrarju tal-versjonijiet tar-rikorrenti.

Fil-fatt il-Qorti tqis li mill-provi li tressqu fl-atti jirrizulta li daqskemm huwa possibbli li dawn l-oggetti setghu tnehhew mill-intimat (ghalkemm sabiex jaghmel hekk kellu bzonn l-ghajnuna ta' persuna ohra li ma rrizultatx) jew sahansitra mill-istess rikorrenti ghaliex kollha kellhom access ghalihom, huwa wkoll possibbli fl-istess grad li dawn verament insterqu minn terzi anki ghaliex huma oggetti li jiswew il-flus kif ikkonfermaw l-istess partijiet fl-atti.    Ghalhekk il-Qorti tqis li ma tressqux provi bizzejjed sal-grad tal-probabbli rikjest mil-ligi li jevidenzjaw li kien l-intimat li wettaq l-allegat spoll w'ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tilqa' it-tmien u disa' eccezzjoni tal-intimat li mhux il-legittimu kontradittur u li huwa ma wettaq l-ebda spoll u tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

(i) tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat;
(ii) tiddikjara t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimat bhala ezawriti,
(iii) tilqa' t-tmien u d-disa' eccezzjoni tal-intimat Carmelo Scicluna u konsegwentement tghaddi sabiex tichad t-talbiet kollha tar-rikorrenti,

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Frar, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar, 2023**